MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Appell Kriminali Numru. 167/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Pisani**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Pisani, bin Francesco u Concetta nee` Micallef [*recte:* Mercieca][1], imwieled Haz-Zabbar nhar-il 25 ta' Ottubru 1959, u joqghod 85A, Bil-Lampa, Triq il-Hortan, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 673955M [*recte:* 673959M][2] talli:

[1] Skond ic-certifikat tat-twelid a fol. 26.
[2] Il-korrezzjoni giet ordnata b'digriet tat-2 ta' Gunju 2006.

(A) f’Marsaskala, matul il-lejl ta’ bejn nhar-il Gimgha u s-Sibt 19 u 20 ta’ Mejju 2006, kif ukoll f’dawn l-ahhar tliet xhur:

(1) bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` ferita ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ martu Mary Rose, kif ukoll ta’ wliedu Marisabelle u Annrina Pisani, ilkoll minn Marsaskala, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(2) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ martu Mary Rose Pisani minn Marsaskala f’periklu car, hebb ghaliha u taha diversi daqqiet ta’ ponn fejn ikkagunalha hsara fil-gisem taghha, skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci M.D. mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

(B1) f’Marsaskala, tul dawn l-ahhar sentejn, f’diversi hinijiet tal-gurnata:

(3) bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` ferita gravi fuq il-persuna ta’ martu Mary Rose, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta fil-waqt li kien qed isuq il-vettura ta’ mart stess, ta’ l-ghamla Renault 19, ta’ lewn griz bin-numru tar-registrazzjoni EAB-979 minn Triq Sant’Anna, Marsaskala, heddidha bil-mewt u kiser l-i*steering wheel* fid-direzzjoni tal-hajt sitwat fil-genb ta’ l-istes triq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(B2) b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(4) hedded lil martu Mary Rose Pisani bil-mewt kif ukoll bil-kliem “nehles minnek” u “ntajjar il-flat b’kollox”;

(5) hebb ghall-istess martu Mary Rose Pisani kif ukoll ghal bintu z-zgjira Annrina Pisani sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

(6) offenda l-pudur jew il-mroali pubblika b'eghmil li sar minnu f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

(7) zamm u garr fuqu strument li jaqta' jew iniggez (sikkina tal-hobz) minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(8) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor;

(9) m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' persuni li kienu nkarigati minn srvizz pubbliku;

(10) saq il-vettura tal-ghamla Renault 19 ta' lewn griz bin-numru tar-registrazzjoni EAB-979 b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

(11) saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu;

(12) sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmija Mary Rose Pisani u ta' wliedha Marisabelle u Annrina Pisani, jew sabiex izomm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Anthony Pisani b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-piena li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, tapplika l-iskwalifika ta' l-istess Anthony Pisani minn kull licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinstab hati;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli mibghuta

mill-Avukat Generali bin-nota tieghu tas-27 ta’ April 2007, sabet lill-imsemmi Anthony Pisani mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta’ April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti timmodifika u tvarja s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-imsemmi Anthony Pisani mill-imputazzjonijiet min-numru tlieta san-numru tlettax [*recte:* tnax]; u (b) tikkancellaha f’dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok issib htija ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet u tinfliggi fil-konfront tieghu piena skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Permezz ta’ l-appell tieghu l-Avukat Generali qieghed jitlob illi din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet. F’dan ir-rigward il-gurisprudenza in materja ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**6.** Issa, irid jigi osservat li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma’ x-xhieda u ghalhekk kellha l-opportunita` tqis “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda u “tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xiehda” u “jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9). Difatti hija ddikjarat dan fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet taghha u kkummentat illi kienet “f’posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta’

zmien, tkun semghet ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, ezaminat l-imgieba u l- komportament taghhom, stante li kienet hija stess li kkonstatathom, u x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti."

**7.** Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-appellat gie akkuzat li ghamel tentattiv ta' offiza gravi fuq martu u uliedu, u dan billi gie allegat li huwa halla l-*gas knob* tal-*cooker* mixghul waqt li kienu d-dar. Issa, fost il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti, hija qalet illi Mary Rose Pisani marret taghmel ir-rapport l-ghassa fit-18 ta' Mejju 2006, filwaqt illi l-akkuza tirreferi ghal-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Mejju 2006. Effettivament l-akkuza tirreferi ghal-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Mejju 2006 "kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur". B'hekk id-data li fiha allegatament instab in-*knob* tal-*cooker* mixghul hi koperta mill-akkuza. Din il-Qorti sejra ghalhekk issa tghaddi biex tikkunsidra l-provi fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.

**8. Mary Rose Pisani** xehdet[3] li hija rrappurtat lil zewgha lill-Pulizija ghaliex kien halla l-gass miftuh ghat-tielet darba. Qalet li meta qamet filghodu ghall-habta tas-6.30 a.m. marret fuq il-*cooker* peress li kienet rat in-*knob* imdawwar. F'din l-okkazjoni ma qaltlu xejn peress li kien rieqed fis-salott bil-bieb maghluq u peress li kienet qaltlu fid-darbtejn precedenti. Qalet ukoll: "Riha ta' gass pero` meta halla c-cilindru miftuh ma kienx hemm. Sussegwentement kont ghalaqt ic-cilindru u stennejt ftit u mbaghad xeghelt suffarina u qisu beda jixghel ftit u beda jintefa. ... huwa difettuz. Il-gass jibqa' hiereg xorta avolja jkun maghluq." Meta xehdet in kontro-ezami[4] Mary Rose Pisani kkonfermat illi fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Mejju 2006 l-appellat halla n-*knob* tal-gass miftuh. Hija dahlet mix-xoghol fis-1.00 a.m. u sabet lil zewgha fil-kcina qieghed jiekol. Meta qamet ghax-xoghol fis-7.30 a.m. ir-ragel kien rieqed (fis-salott) u ma qajmitux. Kien hemm

[3] Fol. 37 *et seq.* ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[4] Fol. 246 *et seq. ibidem*.

riha ta' gass, ghalqet in-*knob*, fethet it-twieqi, u hadet bela' kafe`. Insistiet li l-gass mhux difettuz u li meta qalet li kien difettuz riedet tfisser li jekk tonfoh lill-*burner* u l-gass ikun ghadu miftuh, il-gass jibqa' hiereg. Qalet illi zewgha kien jghid li ghad tigi gurnata meta jtajjar kullimkien.

**9. Annrina Pisani** qalet[5] li missierha dejjem jghid u jhedded li jrid itajjar id-dar u gieli halla l-*cooker* tal-gass mixghul. Qalet: "Jiena ma tantx ghandi sens tax-xamm pero` u jiena ma nxommx gass. Jiena ninduna li l-gass ikun mixghul peress li l-*cooker* ghandu *knob* u jkun imdawwar u ninduna li l-*cooker* ikun mixghul. Jien rajt li missieri halla l-gass mixghul f'okkazjoni wahda. Nghid li recentement ommi kienet cemplitli u akkuzatni li jiena kont hallejt il-gass mixghul pero` ma kontx jiena zgur ghaliex jiena meta nqum filghodu mmur dritt ix-xoghol u ma nihux kafe` jew te`. Missieri kemm-il darba qal li jkun ser itajjar id-dar, jew ghax jghid li xebgha jew jghidha lil ommi." In kontro-ezami, mistoqsija kif taf li missierha kien ihalli l-gass tal-*cooker* mixghul, qalet li hu dejjem jghid li jrid itajjar il-flat, u li din qalha kemm-il darba. "Darba minnhom dhalt id-dar. Kien dlam cappa. Inxomm riha qawwija ta' gass. X'hin xeghelt id-dawl sibt li n-*knob* tal-*cooker* kien imdawwar 'l isfel u ghalhekk kien mixghul pero` ma kellux il-fjamma. Nghid li r-riha kienet tinxtamm sew. Mhux minnu li jiena ma nxommx. Jiena s-sensi tieghi ghadhom jiffunzjonaw kollha. Ghalkemm jista' jkun li fix-xiehda precedenti ghidt dawn il-kliem, jiena nichad li ghidt hekk."

**10. Marisabelle Pisani** tghid[6] li x-xahar ta' qabel (f'Mejju) missierha kien halla l-*cooker* mixghul, kien qed jiekol. In-*knob* kien imdawwar pero` ma kienx hemm fjamma. Dakinhar kienet hi li sabitu hekk ghalkemm taf li kien hemm drabi ohrajn. In kontro-ezami[7] kkonfermat l-incident li rreferiet ghalih fl-ezami.

**11. L-appellat** xehed illi dwar l-incident in kwistjoni hu ma kienx involut. Qal li mill-*cooker* ma hareg l-ebda *gas*. Hu kien fil-kcina qieghed jiekol. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija

[5] Fol. 70 *ibidem*.
[6] Fol. 71 *ibidem*.
[7] Fol. 271 *ibidem*.

cahad li kien halla l-gass miftuh “ghaliex jien ghandi l-kamra tieghi fejn norqod ftit ’il boghod mill-*cooker* u l-ewwel wiehed kieku li se nlaqqatha, kieku stess ghamilt hekk jien.”

**12.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett certi kontradizzjonijiet fix-xiehda. Mary Rose Pisani l-ewwel tindika li hemm xi haga difettuza mbaghad li m’hemm xejn difettuz u ppruvat tispjega li dak li riedet tfisser kien li jekk tonfoh lill-*burner* u l-gass ikun ghadu miftuh, il-gass jibqa’ hiereg. Imbaghad Annrina Pisani l-ewwel tghid li ma tantx ghandha sens tax-xamm u ma xxommx gass, imbaghad li mhux minnu li ma xxommx u li s-sensi taghha ghadhom jiffunzjonaw kollha. Marisabelle Pisani ssemmi okkazjoni meta dahlet id-dar hi u sabet il-gass miftuh waqt li missierha kien qieghed jiekol fil-kcina, okkazjoni li sehhet f’Mejju. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jaghmilx sens li wiehed joqghod bilqieghda biex jiekol u sadattant ihalli l-gass miftuh biex “itajjar kull m’hemm”. Ghalhekk seta’ kien il-kaz ukoll li kien hemm xi haga difettuza fis-sistema jew li l-appellat haseb li kien tefa jew ghalaq il-gass mentri dan ma kienx ghamlu, u ghalhekk mhux b’mod volontarju. L-Avukat Generali jissottometti li l-appellat ghandu tendenzi suwicidi kemm minhabba d-dikjarazzjonijiet tieghu kif ukoll minhabba dak li xehdet oht martu, Dr. Elizabeth Sciriha, fuq diskors li kien qalilha l-appellat. Huwa minnu li dawn id-dikjarazzjonijiet m’ghandhomx jittiehdu b’mod legger, izda mill-banda l-ohra ma tarax li huma sufficjenti biex jincidu fuq ic-cirkostanzi kif rizultanti mill-provi. Hekk, per ezempju, jekk l-intenzjoni ta’ l-appellat, fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Mejju 2006, kienet li jaghmel hsara lill-familja tieghu u lilu nnifsu, ma kien hemm l-ebda sens li jaghlaq il-bieb tas-salott meta jmur jorqod. Izda fuq kollox hemm kontradizzjoni ohra f’dak li tghid Mary Rose Pisani li ma tistax tigi njorata. Waqt l-ezami ma qalitx li xammet riha ta’ gass (u fil-fatt fir-rapport lill-Pulizija hemm indikat li qalet li “ma xammet ebda rwejjah ta’ gass”), filwaqt illi fil-kontro-ezami qalet li xammet riha ta’ gass. Waqt l-ezami ma qalitx illi hadet xi prekawzjonijiet izda waqt il-kontro-ezami qaghdet tispjega l-prekawzjonijiet li tghid li hadet. Jekk verament Mary Rose Pisani sabet *knob* tal-*cooker* miftuh, ma hemm l-ebda prova cara u inekwivoka li dan kien

maghmul intenzjonalment mill-appellat biex jikkawza hsara.

**13.** F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata mill-prosekuzzjoni minghajr dubju ragjonevoli.

**14.** Dwar it-tieni imputazzjoni l-ewwel Qorti qalet illi skond l-okkorrenza mehuda nhar-il 11 ta' Mejju 2006 minn P.S. 1262 (fol. 57) "dan l-incident li dwaru jixhdu wlied l-imputat u martu, allegatament kien sehh fil-11 ta' Settembru u mhux bejn id-19 u 20 ta' Mejju 2006 kif allegat il-prosekuzzjoni." Wisq probabbli l-ewwel Qorti riedet tghid il-11 ta' Mejju 2006 u mhux il-11 ta' Settembru 2006, peress illi l-okkorrenza msemmija fil-fatt tirreferi ghal incident li allegatament sehh dakinhar stess, cioe` l-11 ta' Mejju 2006. Apparti dan, jidher ukoll illi l-ewwel Qorti ma nnutatx[8] illi fl-akkuza originali, b'referenza ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-appellat gie akkuzat li dawk sehhew "matul il-lejl ta' bejn nhar-il Gimgha u s-Sibt 19 u 20 ta' Mejju 2006, kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur". Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti fil-fatt erronejament halliet barra l-kliem "kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur". Ghalhekk, stante li l-appellat tressaq il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2006, jekk sehh incident fil-11 ta' Mejju 2006 dan kien kopert bl-akkuza. Naturalment xorta jrid jigi stabbilit jekk mill-provi attinenti setghetx l-ewwel Qorti legalment u ragjonevolment tikkonkludi li din it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax.

**15.** L-ewwel Qorti qalet ukoll illi mart l-appellat ma pprezentat l-ebda certifikat mediku. Ghall-kuntrarju, pero`, mill-okkorrenza fol. 57 u mix-xiehda ta' P.S. 1262 Spiridione Zammit jirrizulta li Mary Rose Pisani pproduciet certifikat mediku rilaxxat mit-tabib Dr. Ian Gauci. Dan ic-certifikat gie esebit mill-Ispettur Anthony Cassar fis-26 ta' Marzu 2007 u Dr. Ian Gauci xehed fit-3 ta' Mejju 2007 meta kkonferma l-kontenut ta' dak ic-certifikat u qal li l-offizi minnu ndikati kienu ta' natura hafifa. Mic-certifikat jirrizulta li l-offizi riskontrati kienu: *developing haematoma*

[8] Ara *supra* paragrafu 7.

*over chest (central aspect), developing haematoma over the Rt wrist (medial aspect), developing haematoma over the Lt hip and buttock*.

**16.** Issa skond l-imputazzjoni l-appellat allegatament hebb ghal martu u taha diversi daqqiet ta' ponn. Dwar dan l-incident xehed **P.S. 1262 Spiridione Zammit** li rcieva r-rapport minghand Mary Rose Pisani fis-sens li kellha argument ma' zewgha dwar *telepilot* u dan kien taha daqqa bih. Hu baghatha taghmel certifikat mediku u hija pproduciet certifikat rilaxxat minn Dr. Ian Gauci fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid li kien jiddeskrivi l-ferita bhala wahda ta' natura hafifa. Huwa baghat ghall-appellat, qallu bl-allegazzjoni ta' martu u huwa cahad.

**17. Mary Rose Pisani** tghid hekk dwar l-incident: "Ix-xebgha li kont qlajt minghand l-imputat kien fix-xahar ta' Mejju wkoll ftit jiem qabel ghamilt ir-rapport. Niftakar li dakinhar kont mort il-*polyclinic* u ghamluli certifikat u kont tajtu lill-pulizija l-ghassa. Dakinhar kelli tbengila fuq il-warrani tieghi u wkoll bid-daqqa li tani kelli marka fuq sidri."[9]

**18. Annrina Pisani** tirrakkonta l-incident hekk: "Niftakar li kien hemm xi kwistjoni bejniethom u hadilha t-*telepilot*. Ohti kienet fil-kuritur u jiena kont fil-kamra taghha. Rajna l-ghamara ticcaqlaq u morna naraw x'gara u ma garax. Nghid li fil-fatt ohti ppruvat tferraqhom ghax kienu gew fl-idejn. Effettivament il-hoss ta' l-ghamara kien peress li l-imputat kien imbotta lil ommi. Jiena meta rajt lil ommi kellha dawra hamra fuq sidirha u kienet qed tigri 'l barra biex tghid lill-Pulizija x'kien gara."[10]

**19. Marisabelle Pisani** tghid hekk: "Niftakar jiena kont id-dar fil-kcina u ghall-ewwel ma kontx nindahal pero` mbaghad smajt li l-incident ma kienx bhas-soltu u mort biex nara jekk kinux qed jaghtu bl-idejn u lahqu hargu mill-kamra tas-sodda. Ommi baqghet sejra l-ghassa u jiena

9 Fol. 38 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
10 Fol. 69 *ibidem*.

sibt il-komodina mressqa u ommi qaltli li ghax kien habbatha mal-komodina. Dan kien fix-xahar ta' Mejju."[11]

**20.** L-appellat fix-xiehda tieghu ma jirreferix specifikatament ghal dan l-incident partikolari izda jghid li r-rapporti li ghamlet martu fil-konfront tieghu huma kollha foloz[12] u li mhux minnu li hu sawwat lil martu[13].

**21.** L-ewwel Qorti qalet li hemm diskrepanza bejn ix-xiehda moghtija minn ulied l-appellat ghaliex filwaqt illi Annrina tghid li kienet fl-istess kamra ma ohtha meta semghet lill-genituri taghha jiggieldu, Marisabelle tghid li hija kienet fil-kuritur u ohtha kienet fil-kamra taghha. Mix-xiehda li din il-Qorti rriproduciet fil-paragrafi precedenti huwa evidenti illi l-ewwel Qorti mmizinterpretat dak li qalu ulied l-appellat. Annrina Pisani qalet li ohtha (jigifieri Marisabelle) kienet fil-kuritur filwaqt li hi kienet fil-kamra ta' ohtha, u Marisabelle tghid li kienet fil-kcina izda mxiet minn hemm biex tara x'kien qieghed jigri. Jigifieri ma tezistix id-diskrepanza li qalet il-Qorti ghax mix-xiehda taghhom huwa car illi kienu fi kmamar differenti tar-residenza taghhom.

**22.** Il-fatturi principali li kienu determinanti ghall-ewwel Qorti sabiex ma ssibx lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni kienu (i) li d-data li fiha sehh l-incident in kwistjoni ma kinitx koperta mill-akkuza; (ii) li mart l-appellat ma pproducietx certifikat mediku; u (iii) li kien hemm diskrepanza bejn ix-xiehda ta' ulied l-appellat. Kif muri fil-paragrafi precedenti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin dwar dawn il-fatturi. Difatti, fid-dawl ta' l-apprezzament gdid li ghamlet din il-Qorti, u nonostante c-cahda generali li ghamel l-appellat, hija tal-fehma li l-imputazzjoni li l-appellat ghamel offizi ta' natura hafifa fuq martu hija ben assodata. Meta sehh l-incident, mart l-appellat marret mill-ewwel l-ghassa. Uliedha semghu kollutazzjoni bejn il-genituri taghhom. Annrina Pisani osservat dawra hamra fuq sider ommha. Mary Rose Pisani marret ic-Centru tas-Sahha f'Rahal Gdid ftit

[11] Fol. 72 *ibidem*.
[12] Fol. 308 *ibidem*.
[13] Fol. 309 *ibidem*.

wara (skond l-okkorrenza r-rapport sar fis-7.45 p.m. u skond ic-certifikat mediku hija giet ezaminata fic-Centru tas-Sahha fit-8.30 p.m.). Fost l-offizi riskontrati minn Dr. Ian Gauci kien hemm *developing haematoma over chest (central aspect)*. L-offizi gew deskritti mill-istess tabib bhala ta' natura hafifa u, fil-fehma ta' din il-Qorti, jistghu jitqiesu li huma "ta' importanza zghira" (art. 221(3)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

**23.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tichad l-appell in kwantu giet mitluba r-revoka tas-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet min-numru tnejn san-numru tnax, izda tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah hati taghha u b'mod specifiku talli **fil-11 ta' Mejju 2006 f'Marsaskala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Mary Rose Pisani f'periklu car, ikkagunalha offizi ta' natura hafifa**, u, wara li rat l-artikkoli 214, 215 u 221(3)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellat Anthony Pisani jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghall-perijodu massimu ta' tnax-il xahar skond l-istess artikolu 383 li ma
jimmolesta b'ebda mod lil Mary Rose Pisani taht penali ta' elf euro (€1,000) fin-nuqqas, liema obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------